## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR JONATHAN RANSLEY, SPETTUR RITIENNE GAUCI) V. JEFFREY ATTARD (KI. 428673M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**25 ta' April 2023**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Jeffrey Attard ta' 49 sena, iben Richard u Mary nee' Quattromani, imwieled ġewwa H'Attard nhar is-6 ta' Settembru 1973 u residenti ġewwa l-Iklin ("l-imputat") li ġie ppreżentat taħt arrest quddiemha fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2023 mixli illi:

'b'diversi atti, magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Nhar it-13 ta' Diċembru, 2019 u jew fix-xhur ta qabel, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor u ċioe għad-dannu ta Susan Postlethwaite u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel qligħ ieħor b'qerq;

3. Nhar it-18 t'Awwissu, 2020 u jew fix-xhur ta qabel, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja

kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor u ċioe għad-dannu ta Panta Marketing and Services Ltd u/jew kumpaniji oħra;

4. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel qligħ ieħor b'qerq;

5. Nhar it-30 ta Settembru, 2020 u jew fix-xhur ta qabel, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor u ċioe għad-dannu ta Pace and Mercieca u/jew kumpaniji oħra;

6. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ghamel qligħ ieħor b'qerq;

7. Nhar il- 15 ta Jannar, 2021 u jew fix-xhur ta qabel, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor u ċioe għad-dannu ta Claude Camilleri u/jew persuni oħra;

8. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel qligħ ieħor b'qerq;

rat li ġiet ġentilment mitluba ukoll sabiex:

- b'żieda ma kull piena, tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra ai termini tal-artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- f'każ ta' ħtija tordna lill-ħati jħallas d-danni ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

rat illi fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2023 għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, l-imputat iddikjara li huwa ħati,

rat li l-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi,

rat li wara li s-seduta ġiet posposta għal għoxrin minuta u l-Qorti tat żmien biżżejjed lill-imputat sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

rat li wara talba tal-avukat difensur, liema talba ma kienetx opposta mill-Prosekuzzjoni, sabiex jiġi redatt rapport ta' qabel is-sentenza, il-Qorti laqgħet it-talba u ai termini tal-Art. 6(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qabbdet lid-Dipartiment għal Servizzi ta' Probation jipprepara rapport ta'qabel is-sentenza, qabel ma tħaddan xi fehma dwar kemm ikun adatt li l-imputat jingħata sentenza ta' priġunerija, sentenza sospiża jew xi miżura oħra permessa mill-liġi skond l-istess Kap. 446,

semgħet ix-xhieda tal-*probation officer* Anabelle Bugeja u rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza li ġie ppreżentat minnha fis-seduta tal-4 ta' April 2023,

rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu

2. Fir-rapport tagħha ta' qabel is-sentenza, l-uffiċjal tal-*probation* **<u>Antonella Debono</u>** stqarret fost affarijiet oħra illi l-problema prinċipali li għandu l-imputat hija n-nuqqas ta' ppjanar konkret sabiex iwettaq kemm il-pjanijiet tiegħu kif ukoll il-wegħdiet lejn persuni oħra. Ġiet innutata diffikultà oħra fis-sens illi l-imputat juri nuqqas ta' assertivita' f'ċertu sitwazzjonijiet li jwassluh sabiex jidħol fi problemi u komplikazzjonijiet. Għalhekk l-istess uffiċjal tal-*probation* kienet tal-fehma illi l-imputat jingħata sapport fir-rigward ta' dawn iż-żewġ aspetti tal-ħajja tiegħu minħabba li dawn il-fatturi ħallew numru ta' vittmi. L-uffiċjal ikkonkludiet b'rakkomandazzjoni illi l-imputat jingħata *ordni ta' probation u servizz* skond l-Art. 18 tal-Kap. 446 tal-liġijiet ta' Malta oltre li jagħti lura l-kumpens neċessarju lill-vittmi.

3. Il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tidipartixxi mir-rakkomandazzjoni tal-uffiċjal tal-*probation* u tħoss illi r-rakkomandazzjonijiet tagħha huma idoneji fiċ-ċirkustanzi. Il-Qorti tqis li jeżistu ċ-ċirkustanzi kollha (tenut kont ix-xorta tar-reati, l-karattru tal-imputat u l-fedina penali netta tiegħu) sabiex minflok ma' timponi piena karċerarja, tagħmel ordni ta' *probation* sabiex l-imputat jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation* fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu u jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel 'il quddiem u jekk jista' jkun jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra. Għal dan il-għan il-Qorti sejra tagħmel ordni ta' *probation* u servizz skond l-Art. 18 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Mill-atti proċesswali l-Qorti individwat is-segwenti ammonti li ġew mitluba mill-partijiet offiżi jew inkella rrapportati bħala telf lill-Prosekuzzjoni:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | **Susan Postlethwaite:** | € 26,460.77 |
| 2. | **Panta Marketing and Services Ltd:** | € 47,935.80 |
| 3. | **Pace and Mercieca:** | € 3,287.17 |
| 4. | **Claude Camilleri:** | € 21,500 |

5. Il-Qorti qieset illi skond l-Art. 24 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **24.(1) Meta Qorti tagħmel ordni ta' probation, ordni ta'servizz fil-komunità, ordni ta' probation u servizz, ordni għal-liberazzjoni kondizzjonata jew meta tillibera lil xi ħati għal kollox tista', mingħajr preġudizzju għall-poter li għandha dwar l-ispejjeż taħt l-artikoli 380 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jħallas dawk id-danni għal xi feriment jew b'kumpens għal xi telfien hekk kif il-qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar raġonevoli.**
>
> **(2) Meta toħroġ ordni taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tista' tordna li tali spejjeż jew danni jitħallsu bin-nifs, partikolarment, billi tikkunsidra kull obbligu li l-ħati għandu lejn il-vittma jew xi dipendenti tal-vittma.**
>
> **(3) Ordni għall-ħlas ta' danni jew kumpens kif hawn qabel imsemmi tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din kienet ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuna lil min id-danni jew il-kumpens jiġu ordnati li għandhom jitħallsu:**
>
> **Iżda ebda naħa f'dan l-artikolu m'għandha tidderoga mid-dritt ta' dik il-persuna li tkopri kull ammont ieħor li jifdal b'xi mezz ieħor mingħand il-ħati jew mingħand xi persuna oħra li tista' tkun responsabbli għall-istess ħlas.**

6. Il-Qorti tqis illi għalkemm ċivilment jiddekorri l-imgħax fuq l-ammonti mitluba skond il-liġi, fiċ-ċirkustanzi ma tarax li għandha tikkalkula ukoll l-imgħaxijiet (u spejjeż extra-ġudizzjarji) fin-nuqqas ta' informazzjoni dwar atti ġudizzjarji li setgħu ġew ippreżentati kontra u notifikati lill-imputat (jew kawżi miftuħa kontrih) u meta tqis ukoll illi kien wieħed biss mill-partijiet offiżi illi għamel it-talba għalihom.

7. Għalhekk il-Qorti sejra tordna lill-imputat iħallas kumpens lill-partijiet offiżi fl-ammonti hawn taħt imsemmija:

   1. **Susan Postlethwaite:** € 20,000
   2. **Panta Marketing and Services Ltd:** € 47,935.80
   3. **Pace and Mercieca:** € 3,287.17
   4. **Claude Camilleri:** € 21,500

**Deċiżjoni**

8. **Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 308, 309, 310(a) tal-Kap. 9 u l-Art. 18 u 24 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiddikjara lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, minflok timponi piena karċerarja qegħda tpoġġi lill-imputat taħt ordni ta' *probation* u servizz konsistenti f'Ordni ta' Probation għal perjodu ta' <u>sentejn</u> flimkien ma' Ordni ta' Servizz fil-Komunità għal perjodu ta' <u>ħamsin (50) siegħa,</u> liema ordni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni annessa li tifforma parti integrali mis-sentenza.**

   **A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' *Probation* u Servizz kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fl-ordni annessa u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni annessa. Il-ħati ddikjara li jaqbel mal-ordni.**

   **Ai termini tal-Artikolu 7(8) u 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni annessa għandha tiġi trasmessa minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* u lill-ħati.**

**Inoltre ai termini tal-Art. 24 tal-Kap. 446 qegħda tordna lill-ħati jħallas lill-partijiet offiżi s-segwenti ammonti: € 20,000 lil Susan Mary Postlethwaite (numru tal-passaport Ingliż 207276708), € 47,935.80 lil Panta Marketing and Services Limited (C11233), € 3,287.17 lil Pace and Mercieca Limited (C3738) u € 21,500 lil Claude Camilleri (KI. 542191M), entro sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR JONATHAN RANSLEY, SPETTUR RITIENNE GAUCI) V. JEFFREY ATTARD (KI. 428673M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**25 ta' April 2023**

IL-QORTI,

wara li rat li fis-sentenza tagħha tal-lum hija sabet lill-imputat ħati iżda minflok imponiet piena karċerarja għażlet illi tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 18 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta billi tordna l-ħruġ ta' *Combination Order* ossia' Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sentejn flimkien ma' Ordni ta' Servizz fil-Komunità għal perjodu ta' ħamsin (50) siegħa,

wara li rat li qabel ma' ħarġet tali ordni, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' *Probation* u tal-Ordni tas-Servizz fil-Komunità u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu ta' l-ordnijiet, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom nstab ħati bis-sentenza msemmija,

wara li rat li l-ħati esprima r-rieda tiegħu illi jikkonforma mal-kundizzjonijiet elenkati f'din l-ordni,

qed tagħti din l-

### Ordni ta' *Probation* u Servizz

konsistenti f' <u>Ordni ta' *Probation*</u> taħt il-kundizzjonijiet segwenti:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' <u>**sentejn**</u> mil-lum,

2. Matul dan il-perjodu:

    1. il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal tal-*Probation* maħtur lilu u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-istess uffiċjal.

    2. L- Uffiċjal tal-*Probation* maħtur għal dan l-iskop għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

    3. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċjal tal-*Probation* b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

    4. Il-ħati għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-Uffiċjal *tal-Probation* skond id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess uffiċjal u għandu, jekk l-Uffiċjal tal-*Probation* ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess uffiċjal.

    5. Il-ħati għandu joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-*Probation* intiżi li jgħinu lill-ħati biex jindirizza l-problemi elenkati fir-rapport ta' qabel is-sentenza u ma jerġax jirrepeti r-reat jew jikkommetti reati oħra.

u f' <u>Ordni ta' Servizz fil-Komunità</u> taħt il-kundizzjonijiet segwenti

1. L-Ordni hija sabiex il-ħati jwettaq **<u>ħamsin (50) siegħa</u>** xogħol/servizz fil-komunità li jiġi assenjat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole* liema xogħol/servizz għandu jsir taħt is-sorveljanza ta' Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità taħt dawn il-kundizzjonijiet:

    1. Il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunità, jirraporta lil u jżomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunità, maħtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha maħruġa lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni,

    2. Il-ħati għandu jirraporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien għal żmien skont l-istruzzjonijiet maħruġa lilu mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunità,,

3. Il-ħati għandu jwettaq b'mod sodisfaċenti dawk is-siegħat kollha ta' xogħol siewi fil-Komunità f'dawk il-ħinijiet u għal tul ta' dak iż-żmien kif speċifikat aktar 'il fuq,

4. L-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità, maħtur għal dan l-iskop għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur,

5. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità,

6. Il-ħati għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunità, skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità,

7. Il-ħati għandu jiffirma l-formola ta' ftehim ta' xogħol ta' servizz fil-komunità.

F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità quddiem il-Qorti kompetenti.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) u 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Jeffrey Attard**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y. M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |